27 ta' Frar 2026

# *Jiltaqa' l-Kumitat ta' Monitoraġġ għall-ħdax-il darba*

Il-ħdax-il laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ imwaqqaf sabiex jagħmel monitoraġġ fuq l-operat għall-għoti taċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni skont l-Artiklu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap 188, u l-osservanza totali tal-proċess kollu tal-applikazzjoni għall-għoti ta' dan it-tip ta' ċittadinanza Maltija a termini tal-istess Att u tar-Regolamenti relatati minn naħa tar-Regolatur maħtur għal dan il-għan skont l-Artiklu 25(1) tal-istess Att, saret nhar it-18 ta' Frar 2026.

Dan il-Kumitat, li twaqqaf skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 25B tal-Att fuq imsemmi, huwa kompost mill-Prim Ministru l-Onor Dott Robert Abela (li jippresedieh), il-Ministru responsabbli mill-affarijiet relatati maċ-Ċittadinanza Maltija l-Onor Dott Byron Camilleri, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Dott Alex Borg, u s-Sur Carmel L Dr Gabriele, Regolatur Għoti ta' Ċittadinanza b'Mertu Eċċezzjonali (GħĊME), li wkoll attenda din il-laqgħa.

Matul din il-laqgħa, is-Sur De Gabriele ppreżenta formalment abbozz tal-Ħdax ir-Rapport Annwali minnu mfassal u ta ħarsa lejn l-attivitajiet imwettqa mill-Uffiċċju tiegħu speċifikament matul il-perjodu ta' tnax-il xahar bejn Jannar u Diċembru 2024 li dwaru jitkellem dan ir-Rapport, flimkien ma' tali rwol u funzjonijiet, u ta wkoll ħarsa fuq fuq dwar kif mexa l-operat minn naħa tal-Aġenzija Komunità Malta fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li waslulhom għall-għoti ta' dan it-tip ta' ċittadinanza Maltija tul l-istess perijodu.

Huwa mistenni li, fi żmien qasir, il-Ministru responsabbli mill-għoti taċ-ċittadinanza Maltija iqiegħed formalment u uffiċjalment dan il-Ħdax ir-Rapport Annwali tar-Regolatur (GħĊME) fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(9) tal-Att hawn imsemmi iżjed 'l fuq. Wara dan, l-istess Rapport Annwali jinħareġ uffiċċjalment b'mod pubbliku kif ukoll riprodott online fuq il-portall tal-Uffiċċju tar-Regolatur (GħĊME).